MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 413/2010

**MEM Investments Limited**

**Vs**

**Maria Grima Baldacchino**

Din il-kawza hi konnessa mal-kawza **Maria Grima Baldacchino vs MEM Investments Limited** (Rikors numru : 366/2010AE). L-attrici kienet qeghda originarjament titlob li l-konvenuta tigi kkundannata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' xiri tal-appartament li jinsab fit-tieni sular (first floor) fi blokk ta' appartamenti bin-numri 48 u 49, Msida Road, Gzira. L-attrici rrinunzjat ghall-ewwel tliet talbiet wara li bieghet il-fond lil terzi permezz ta' kuntratt tad-9 ta' Jannar 2012 pubblikat min-nutar Dr Andre Farrugia (fol. 60).
Min-naha taghha l-konvenuta kienet qeghda ssostni li :-
1. It-talbiet numru 1 sa 3 kienu kontradittorji mat-talba numru 4.

2. Il-pjanti approvati mill-awtorita kompetenti ma kienux jaqblu mal-pjanta annessa mal-konvenju. Kien ghalhekk li l-attrici ma ressqitx ghall-pubblikazzjoin tal-att finali. Ghalhekk fiz-zmien li jissemma fi klawzola 5 tal-konvenju, permezz ta‘ ittra registrata datata 29 ta‘ Marzu 2010 infurmat lill-attrici li kienet qeghda tezercita d-dritt taghha li ma tixtrix il-proprjeta u talbitha thallas lura d-depozitu. Peress li l-attrici ma kenitx f’posizzjoni li tbiegh dak li weghdet, il-konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li tixtri.

Gialadarba fil-kawza fuq imsemmija il-qorti laqghet it-talbiet ta’ Maria Grima Baldacchino ghar-rifuzjoni tad-depozitu li hallset lill-attrici fuq il-konvenju ffirmat fil-7 ta’ April 2008, it-talba tal-kumpannija attrici sabiex izzomm id-depozitu ta’ €23,294 bilfors trid tigi michuda.
**Ghaldaqstant tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------